MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1341/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Rodney Ciantar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Rodney Ciantar, bin Philip u Violet nee' Gatt, imwieled Pieta' fit-3 ta' Marzu, 1976 u residenti 48 Triq San Pietru u San Pawl Isla, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 136176(M).

Akkuzat talli f' Dicembru 2010 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ircevejt minghand

Raymond Psaila detentur tal-karta ta' l-identita' numru 237570(M) xi weghda li jinghata, lilek jew lil ohrajn, b' korrispettiv ghal xi self, imghaxxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b' eccess minn dak li jkun permess bil-ligi, ai termini ta' l-artikoli 18, 298C tal-Kodici Kriminali, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 18 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjon li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta li f'Settembru 2006 certu Raymond Psaila ssellef tlett elef liri Maltin (Lm3,000) minghand l-imputat liema somma kellha tithallas lura lill-imputat fi zmien seba' gimghat. Wara jumejn l-imputat sab lil Psaila u pretenda li t-tlett telef lira jithallsu lura immedjatament; peress li Psaila ma kienx f'pozizzjoni li jirrifondi l-ammont misluf immedjatament iffirma skrittura permezz ta' liema huwa iddikjara li kien qed jissellef tmien telef liri Maltin (Lm8,000) rifondibbli fi zmien sebgha gimghat. Psaila jghid li dak in-nhar li iffirma din l-iskrittura l-imputat tah zewg karti: l-iskrittura li ffirma u karta ohra li kien fiha indikat x'ammont ikun tenut ihallas ghall kull gimgha li tghaddi mid-data tas-self tat-tlett elef lira[1]. Ghadda z-zmien u Psaila u l-imputat baqghu jikkustinjaw fuq l-ammont li Psaila kellu jirrifondi lill-imputat ghalhekk

[1] Iz-zewg "karti" gew esebieti bhala Dok RP1 a fol 14.

Psaila mar ghand il-pulizija (it-taqsima ta-frodi) u ghamel rapport dwar l-akkadut[2]. Il-pulizija baghtu ghall-imputat li nsista li huwa lil Psaila sellfu s-somma ta' tmien telef lira. Peress li ghadda xi zmien u Psaila ma regghax kellem lill-pulizija, dawn ma hadux passi fil-konfornt ta' l-imputat.

Illi rrizulta li ftit zmien wara li sar r-rapport lill-pulizija l-imputat u Psaila marru ghand Nutar u iffirmaw skrittura permezz ta' liema Psaila ikkostitwixxa ruhu veru cert u likwidu debitur ta'l-imputat fis-somma ta' tmien telef lira; dan sehh fil-15 ta' Jannar 2007. Skond din l-iskrittura l-ammont ta' Lm8,000 kellu jithallas fi tlett pagamenti sat-30 ta' Gunju 2007. Psaila ma zammx ma' dawn il-pagamenti u kien qed jinqala hafna disgwid bejniethom liema disgwid kien qed iwassal ghal numru ta' rapporti f'l-ghassa tal-pulizija. F'Dicembru 2010 Psaila rega mar ghand il-pulizija, it-taqsima tal-frodi, u rrapporta li kien vittma ta' uzura ma' xi persuni ohra u li wiehed minnhom kien qed "*idejjqu hafna*". Fil-kors ta' din l-investigazzjoni regga' issemma l-imputat ghalhekk il-pulizija rega baghtu ghalih u din id-darba gie mitlub jirrilaxxja stqarrija. L-imputat rega' innega li huwa kien qed issellef flus b'l-uzura u insista li l-kapital misluf lil Psaila kien ta' tmien telef lira. Psaila jammetti li huwa s'issa ghadu hallas lura lill-imputat is-somma ta' erbghat telef u seba' mitt Euro (€4,700).

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dwar self b'l-uzura; ic-citazzjoni taqra hekk:

*Akkuzat talli f' Dicembru 2010 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ircevejt minghand Raymond Psaila detentur tal-karta ta' l-identita' numru 237570(M) xi weghda li jinghata, lilek jew lil ohrajn, b' korrispettiv ghal xi self, imghaxxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b' eccess minn dak li jkun permess bil-ligi*

[2] Ref kwerela Dok MC1 afol 20.

Illi huwa car mic-citazzjoni li l-prosekuzzjoni qed jibbazaw l-imputazzjoni fil-konfront ta'l-imputat fuq xi fatti li graw f'*Dicembru 2010 u fix-xhur u s-snin ta' qabel*.

Illi jekk hemm fatt li zgur m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwaru huwa li s-self bejn l-imputat u Psaila sehh f'Settembru 2006. L-unika haga li grat f' Dicembru 2010 hija li Psaila mar ghat-tieni darba ghand il-Pulizija biex jirrapporta xi episodji ta' self b'l-uzura. Ghalhekk huwa car li, jekk il-fatti li wasslu ghall-proceduri odjernu jikkostitwixxu reat, ir-reat ma sehhx f'Dicembru 2010 imma f' Settembru 2006 u f'dan ir-rigward ic-citazzjoni hija zbaljata.

Illi l-prosekuzzjoni lanqas ma tista' tistrih fuq il-kliem "u fix-xhur u s-snin ta' qabel" ghaliex ai fini ta' imputazzjoni b'reat kriminali c-citazzjoni trid taghti indikazzjoni aktar preciza tal-perjodu meta allegatament sehh ir-reat li qed jigi addebietat lill-imputat partikolarment meta r-reat huwa wiehed istantanju. Ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat ukoll li ghalkemm fic-citazzjoni l-imputazzjoni taghmel referenza ghall-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta mill-provi jirrizulta episodju wiehed biss u cioe dak li sehh f'Settembru 2006.

Illi la darba l-prosekuzzjoni indikat iz-zmien meta sehh ir-reat bhala Dicembru 2010, mentri l-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni sehhew f' Settembru 2006, zgur ma jistax li fil-perjodu indikat mill-prosekuzzjoni sehh xi reat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni kif dedotta u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------